REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 53/2013

tat-22 ta' Jannar 2013

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jagħixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jagħixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jelenka l-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi koperti bl-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi skont ir-Regolament.

(2) Fil-31 ta' Diċembru 2012 il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti żied żewġ persuni fiżiċi u żewġ entitajiet mal-lista tal-individwi u tal-entitajiet soġġetti għall-iffriżar tal-assi.

(3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(4) Biex jiġi żgurat li l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

[1] ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1.

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005, huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom jiżdiedu taħt l-intestatura "A. PERSUNI FIŻIĊI":

(a) "Eric **Badege**. Data tat-twelid: 1971. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1)(b): 31.12.2012."

(b) "Jean-Marie Lugerero **Runiga. Data tat-twelid**: Madwar l-1960. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1)(b): 31.12.2012."

(2) L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom jiżdiedu taħt l-intestatura "B. PERSUNI LEGALI, ENTITAJIET U KORPI":

(a) "Forces Democratiques De Liberation Du Rwanda (*alias* (a) FDLR, (b) Force Combattante Abacunguzi, (c) FOCA, (d) Combatant Force for the Liberation of Rwanda). Indirizzi tal-posta elettronika: Fdlr@fmx.de; fldrrse@yahoo.fr; fdlr@gmx.net. Post: Kivu ta' Fuq u t'Isfel, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1)(b): 31.12.2012."

(b) "M23 (*alias* Mouvement Du 23 Mars). Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1)(b): 31.12.2012."